MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 86/2003

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**vs**

**IL-KAP TAS-SERVIZZ TAS-SIGURTA', ir-Reġistratur tal-Qrati u, għal kull interess li jista' jkollhom, John Camilleri, Alfred Buġeja, Romeo Bone, Mario Camilleri, Pierre Camilleri, Albert Buġeja, Emanuel Camilleri, Charles Steven Muscat, Yvette Muscat, Trudy Testa, Isaac Chetcuti, Emanuel Borġ, Daniel-Victor Bonniċi, Anthony Gatt, Carmen Armeni, Sylvana Buġeja, Juma Said Karfoosh, Suzanne Abela, u Emanuela Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Jannar, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li jitqiesu bħala nulli u bla effett ordni mogħti fit-13 ta' Novembru, 2002, mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja fl-Atti tal-Kumpilazzjoni (Nru. 913/2002) fl-

ismijiet "*Il-Pulizija (Spetturi Neil Harrison u Norbert Ġiappara) vs John Camilleri et*" u l-imġiba tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' in konformita' ma' dak l-ordni; talab li l-mandati esebiti mill-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' quddiem dik il-Qorti skond l-imsemmi ordni tagħha jintraddu lura lill-istess Kap tas-Servizz tas-Sigurta', mingħajr ma jsiru kopji tagħhom; u talab ukoll li din il-Qorti tordna li l-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' m'għandux jixhed dwar l-eżistenza tal-istess mandati, ma jagħtihom jew kopji tagħhom lil ħadd ħlief lill-Kummissjonarju maħtur taħt l-artikolu 12 tal-Kapitolu 391 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-17 ta' Ottubru, 2003, li biha l-imħarrkin John Camilleri, Mario Camilleri, Pierre Camilleri, Emanuel Camilleri, Trudy Testa u Emanuela Camilleri laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-azzjoni ma tiswiex, li fl-attur jonqos l-interess ġuridiku u li mhux persuna leġittima biex tmexxi l-kawża, l-illeġittimita' tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' bħala persuna mħarrka, u dan minħabba nuqqas ta' interess, u kif ukoll in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni għaliex l-attur naqas li jgħid liema huma dawk il-fatti li jafhom personalment. Qanqlu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-17 ta' Ottubru, 2003, li biha l-imħarrkin Charles Steven u Yvette miżżewġin Muscat laqgħu billi qalu li l-azzjoni attriċi m'hijiex mistħoqqa;

Rat illi l-imħarrkin l-oħrajn li ġew notifikati kif imiss baqgħu ma ressqu l-ebda eċċezzjoni fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u baqgħu kontumaċi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-imħarrkin Camilleri u Testa dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari tagħhom;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-attur fil-15 ta' April, 2004[1], bi tweġiba għall-imsemmija trattazzjoni (li kienet ġiet reġistrata);

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2004, tal-25 ta' Novembru, 2004, u tas-17 ta' Marzu, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwarl-eċċezzjonijiet preliminari msemmija;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, l-attur irid li l-Qorti tħassar ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja lill-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' biex jesebixxi mandati (*Warrants*) dwar l-imputati, wara li tiddikjara li dak l-ordni ma jiswiex għax imur kontra l-artikolu 18 tal-Kapitolu 391 tal-Att tal-1996 dwar is-Servizz tas-Sigurta'[2]. L-azzjoni timmira wkoll li l-mandati li l-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' esebixxa quddiem dik il-Qorti b'ubbidjenza tal-imsemmi ordni jintraddulu lura bla ma jittieħdu kopji tagħhom, u kif ukoll li huwa ma jixhidx dwar l-eżistenza tal-imsemmija mandati jew jagħti kopji tagħhom;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-imħarrkin Camilleri u Testa dwar is-siwi tal-Att taċ-Ċitazzjoni u dwar il-leġittimita' tal-attur li jressaq il-kawża u tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' li joqgħod fil-kawża bħala mħarrek;

Illi f'din il-kawża, l-eċċezzjonijiet dwar is-siwi tal-Att taċ-Ċitazzjoni jirrigwardaw fuq kollox il-forma tal-att innifsu. L-imħarrkin jgħidu li ċ-Ċitazzjoni hija miżgħuda b'sottomissjonijiet u ċitazzjonijiet estensivi tal-liġi bi ksur tal-artikolu 159 tal-Kap 12. Minbarra dan, jgħidu wkoll li ċ-Ċitazzjoni ma tiswiex għaliex fid-Dikjarazzjoni mehmuża

---

[1] Paġġ. 38 sa 40 tal-proċess
[2] Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta

magħha ma ssemmiex liema mill-fatti msemmijin fiha kienu magħrufa personalment mill-attur;

Illi jidher għalhekk li l-imħarrkin isejsu ż-żewġ eċċezzjonijiet tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap 12;

Illi l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji jistgħu jingħataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassativi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda mill-imsemmija ċirkostanzi;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi[3]. F'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12;

Illi ġie mtenni f'dawn l-aħħar żminijiet mill-ogħla Qorti tagħna meta ngħad li "l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fuq il-mertu tal-każ. Illi kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorosita' proċedurali u l-formaliżmu eżaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk m'għandhomx, normalment, janimaw l-andament tal-kawża"[4]. Għalhekk, Ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqa' għajr għal raġunijiet gravi[5];

Illi, b'żieda ma' dan, l-artikolu 789 (1)(ċ) jikkwalifika l-validita' tal-eċċezzjoni b'kundizzjoni siewja ħafna, u jiġifieri li l-ksur fil-forma tal-att ġudizzjarju jġib in-nullita' jekk kemm-il darba jġib lill-parti li qegħda titlob in-nullita' tal-att

[3] App. Ċiv. **28.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil et vs Baldacchino*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)
[4] App. Ċiv. **12.5.1998**, fil-kawża fl-ismijiet *Michael Attard nomine vs Raymond Galea*
[5] App. Ċiv. **20.2.1935**, fil-kawża fl-ismijiet *Merola pro. et noe. vs Caruso* (Kollez. Vol: **XXIX.i.106**)

preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux billi l-att jiġi annullat;

Illi, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imħarrkin jgħidu li ċ-Ċitazzjoni tikser dak li huwa provdut fl-artikolu 159(1) tal-Kodiċi u dan billi hija mimlija b'sottomissjonijiet u ċitazzjonijiet estensivi tal-liġi. L-attur iwarrab din ix-xilja billi jgħid li l-azzjoni hija mibnija fuq punt legali li għamilha obbligatorja li l-attur jiċċita l-liġi. Fis-sewwa, irid jingħad li l-artikolu 159 jrid li l-atti ġudizzjarji li għalihom jirreferi ma jkunux fit-tul aktar milli meħtieġ u lanqas ma jkollhom kummenti jew ħwejjeġ mhux meħtieġa biex jiġu mfissra l-fatti sostanzjali. Ir-riferenzi għal-liġi ma jaqgħux taħt din il-limitazzjoni, għalkemm wieħed għandu jagħraf id-differenza bejn riferenza għal-liġi u ċ-ċitazzjoni tal-brani tal-liġi. Iżda l-fatt li jista' jkun hemm xi ksur tal-artikolu 159 ma jġibx b'daqshekk li l-att ġudizzjarju ma jiswiex. Dan jingħad għaliex is-sanzjoni maħsuba fl-istess artikolu 159 hija dik li l-Qorti tista' tordna t-tneħħija tal-ħwejjeġ żejda jew il-bdil tal-iskrittura b'oħra. Kieku l-att ikun null għaliex isir bi ksur tal-artikolu 159, is-sanzjoni tal-bdil tal-att jew tat-tneħħija tal-kummenti ż-żejda ma kienx ikun hemm bżonnha għaliex att ġudizzjarju null la jissewwa u lanqas jinbidel b'ieħor li m'huwiex;

Illi għar-rigward tal-eċċezzjoni dwar in-nuqqas tal-attur li jiddikjara liema huma l-fatti li huwa jaf bihom personalment, din tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 156(3) tal-Kap 12. Għal din l-eċċezzjoni, l-attur jirribatti billi jgħid li l-ħtieġa li ssir dikjarazzjoni bħal dik teżisti biss meta l-attur irid juża d-Dikjarazzjoni mehmuża maċ-Ċitazzjoni bħala affidavit jew prova fil-kawża. Il-Qorti ma jidhrilhiex li s-sottomissjoni tal-attur f'dan ir-rigward tirrifletti l-ħsieb tal-leġislatur. Dan jingħad għaliex f'kull Ċitazzjoni mressqa fil-qrati superjuri hija meħtieġa d-Dikjarazzjoni maħlufa tal-fatti, u mhux biss meta dik id-Dikjarazzjoni trid isservi ta' affidavit;

Illi huwa miżmum li l-għan tad-Dikjarazzjoni hu biss dak li tagħti rakkont ċar u dettaljat tal-fatti tal-kawża[6]. Id-

[6] P.A. **6.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Żahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)

Dikjarazzjoni hija parti essenzjali għas-siwi tal-Att taċ-Ċitazzjoni fis-sens li, għalkemm ma tistax tagħmel tajjeb għal Ċitazzjoni li tkun nulla, in-nuqqas ta' siwi tagħha jolqot is-siwi taċ-Ċitazzjoni nfisha[7]. Il-liġi trid li min iressaq dik id-Dikjarazzjoni jiddikjara wkoll liema mill-fatti msemmijin fiha jafhom personalment. Il-kwestjoni ta' x'jiġri minn Dikjarazzjoni bħal dik meta min iressaqha ma jkun jaf l-ebda fatt personalment jew meta l-persuna tonqos li tagħmel dikjarazzjoni dwar liema fatti minn dawk imsemmija kienet taf bihom personalment, trid titqies fid-dawl li mhux kull nuqqas iwassal għan-nullita' tal-att ġudizzjarju. Kif ingħad qabel, jekk minkejja li jkun hemm ksur tal-forma li trid il-liġi dan il-ksur ma jkunx ġab lill-parti mħarrka ħsara li ma tissewwiex jekk mhux bit-tħassir tal-att, allura l-eċċezzjoni tan-nullita' ma tintlaqax[8];

Illi l-imħarrkin ma wrew bl-ebda mod kif jew imqar jekk huma ġarrbux xi preġudizzju bil-fatt li d-Dikjarazzjoni attriċi ma ssemmix liema mill-fatti msemmija l-attur kien jafhom personalment. Fil-każ partikolari, il-fatti li seħħew jidher li ġraw waqt smigħ pubbliku f'kawża quddiem Qorti f'Malta. Meta wieħed jaqra d-Dikjarazzjoni memhuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet, isib li min ħalef dik id-Dikjarazzjoni ikkonfermat uħud mill-fatti dikjarati mill-attur, irribattiet oħrajn, u ma qablitx ma'oħrajn[9]. Għall-Qorti, dan ifisser li l-imħarrkin ma ġarrbu l-ebda ħsara jew preġudizzju biex jiddefendu l-każ tagħhom minħabba n-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-attur dwar liema kienu l-fatti li jaf dwarhom personalment;

Illi, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet imisshom jintlaqgħu, jew li hemm lok li jiġi dikjarat li l-Att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjonijiet dwar l-illeġittimita' tal-attur biex iressaq l-azzjoni u tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' biex jitħarrek jibda biex jingħad li l-imħarrkin jibnuhom fuq il-kwestjoni tal-interess ġuridiku kemm ta' wieħed u kemm tal-ieħor. L-imħarrkin ifissru tali

[7] Kumm. CS **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[8] P.A. GCD **18.4.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Aqua Logic Ltd. vs Miriam Ellis*** (Mhix pubblikata); u ara wkoll P.A. **21.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.30**)
[9] Par. 10 u 11 tad-Dikjarazzjoni, f'paġ. 18 tal-proċess

nuqqas ta' interess billi, fir-rigward tal-attur, jgħidu li ma teżisti l-ebda liġi speċjali li tawtorizżah li jressaq l-azzjoni in kwestjoni. Fir-rigward tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta', jgħidu li n-nuqqas ta' interess tiegħu joħroġ mill-fatt li teżisti "kollużjoni ovvja u pależi" bejnu u l-attur;

Illi fis-sewwa jingħad li l-attur innifsu jiddikjara li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 786(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tista' tingħata l-ebda eċċezzjoni dwar l-illeġittimita' tiegħu biex jidher f'kawża (kemm bħala attur u kif ukoll bħala mħarrek) f'azzjonijiet li fihom ikun awtorizżat mill-awtorita' kompetenti li jidher f'kawżi li jinteressaw l-ordni pubbliku u safejn għandu x'jaqsam l-interess pubbliku jew fil-każijiet illi fihom huwa jkun awtorizżat b'mod speċjali mil-liġi. It-tfassila ta' dan l-artikolu tindika li jeżistu żewġ ċirkostanzi separati fejn l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-attur Avuka Ġenerali ma tistax titqajjem;

Illi f'din l-eċċezzjoni tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li ma hemm l-ebda liġi speċjali li tawtorizża lill-attur iressaq kawża bħal din. Jidher li l-imħarrkin qegħdin jonqsu li jagħrfu li l-imsemmi artikolu 786(2) ma jitkellimx dwar "liġi speċjali" imma dwar awtorizżazzjoni b'mod speċjali mil-liġi. B'żieda ma' dan, jidher li l-bażi tal-azzjoni preżenti – dik li tolqot l-ordni pubbliku u għandha x'taqsam mal-interess pubbliku – hija waħda fejn l-Avukat Ġenerali għandu *locus standi judicio* bla ħtieġa li jkollu awtorizżazzjoni speċjali mil-liġi. Kulma jeħtieġ jintwera hu li huwa kellu jew għandu awtorizżazzjoni mill-awtorita' kompetenti. Fil-każ tal-Kapitolu 391 l-Avukat Ġenerali (attur f'din il-kawża) għandu sehem attiv u dirett fit-tħaddim tal-liġi nfisha[10] u minnha stess toħroġ l-awtorizżazzjoni tal-awtorita' kompetenti. Minbarra dan, l-attur jgħid li kien fuq struzzjonijiet tal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien li fetaħ il-kawża. Għan ewlieni tal-liġi li fuqha tinbena l-azzjoni preżenti huwa sewwasew il-ħarsien tas-sigurta' nazzjonali[11], li huwa essenzjalment aspett ta' ordni pubbliku;

---

[10] Ara, per eżempju, artt. 12(1) u 17 tal-Kap 391
[11] Art. 3(2) tal-Kap 391

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex issib li l-attur għandu l-interess ġuridiku kollu li jressaq l-azzjoni preżenti u li jirriżultaw iċ-ċirkostanzi kollha maħsuba fl-artikolu 786(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura biex iżommu milli titressaq fil-konfront tiegħu l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' *standi judicio*;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni fil-konfront tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta', l-għaref difensur tal-imħarrkin ifisser li l-*locus standi judicio* tiegħu messu kien bħala l-parti attriċi u mhux bħala wieħed mill-imħarrkin, u dan għaliex l-istess imħarrek għandu interess fis-suċċess tal-azzjoni attriċi. Ta' min jgħid li din l-eċċezzjoni tqanqlet minn uħud mill-imħarrkin fil-konfront ta' persuna oħra mħarrka magħhom, u mhux fil-konfront tal-kontro-parti. Iżda l-fatt li dan l-imħarrek jista' jaqbel mal-pożizzjoni tal-attur f'din il-kawża la jfisser li huwa m'għandux interess ġuridiku u lanqas li huma mhux il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni magħmula mill-attur fin-Nota tiegħu dwar il-fatt li l-imsemmi Kap tas-Servizz tas-Sigurta' kien il-persuna milquta mill-ordni magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, bħalma kien hu ukoll li, fil-liġi, kellu l-jedd u l-obbligu taż-żamma tal-mandati li dak l-ordni ġegħlu jgħaddi lil dik il-Qorti. It-talbiet kollha fil-kawża preżenti jduru fuq il-persuna tal-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-azzjoni kienet tinftiehem kieku hu kien attur fil-kawża;

Illi għandu jingħad li, għall-finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami, il-fatt li l-Qorti tasal għall-fehma li persuna jkollha l-interess ġuridiku li toqgħod fil-kawża (kemm bħala parti attriċi u kif ukoll bħala l-parti mħarrka) ma jfissirx li b'daqshekk ikun qiegħed jiġi aċċettat li dik il-persuna għandha raġun jew tort fil-mertu tal-każ. Ifisser biss li, għall-finijiet tal-integrita' tal-ġudizzju, il-qagħda tagħha fl-atti tal-kawża tidher mad-daqqa t'għajn waħda ġustifikata u meħtieġa u li, bil-preżenza tagħha fl-istess atti, il-ġudizzju huwa sħiħ;

Illi, ladarba *prima facie* jidher li l-imħarrek Kap tas-Servizz tas-Sigurta' għandu interess ġuridiku tutelabbli li jkun fil-kawża, lanqas it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin ma jidher li jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrkin Camilleri u Testa, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni tal-każ fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------